Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,230, 23 ta' April, 2024

Taqsima B

A.L. 97 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Ageing and Dementia Studies – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Ageing and Dementia Studies – M.A. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Ageing and Dementia Studies – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 24 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2024 'il quddiem.

It-Tħassir tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

3. L-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 9 sa 12 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinamenti 9 sa 12 tal-ordinamenti prinċipali għandhom ikunu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 8 sa 11.

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (1) l-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji."